# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Gunju, 2002 .

### Citazzjoni numru : 31/2002G1(PC)

Carmela maghrufa bhala Marlene mart John Mary Grech .

Vs

Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara illi ppremettiet ;

Illi fl-Att tat-Twelid taghha li jgib in-numru tlett mija u sbatax tal-elf disa' mija u hamsa u sittin (317/1965) datat 23 ta' Settembru 1965, fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-Tarbija, fil-kolonni ntestati **Ismijiet moghtijin** u **Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha,** isimha jinsab irregistrat u jidher bhala **Carmela;**

Illi l-istess isem huwa rifless ukoll fl-Att taz-Zwieg tal-attrici li jgib in-numru mija u wiehed u hamsin tal-elf disa' mija u sebgha u tmenin (151/1987) datat 5 ta' Ottubru 1987, fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar il-mara fil-kolonna ntestata **Isem u kunjom;**

Illi l-istess isem huwa wkoll rifless fl-Att tat-Twelid ta' bint l-attrici Whitney Marie li jgib in-numru mitejn u sitta u tmenin tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (286/1994) datat 13 ta' Settembru 1994, fil-kolonna relattiva ghat-taghrif dwar il-missier u l-omm it-tarbija fil-parti ntestata **Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm ;**

Illi nonostante li isem l-attrici fil-Att tat-Twelid u fl-Atti l-ohra kollha hawn fuq imsemmija huwa ndikat bhala **Carmela,** l-attrici sa mit-twelid dejjem giet imsejha bl-isem ta' **Marlene** u hija maghrufa ma' kulhadd b'dana l-isem u dan l-isem l-attrici dejjem uzat ghaliha nnifisha fil-hajja taghha kemm fl-iskola, fuq ix-xoghol, u anke fil-familja u b'dan l-isem il-familja taghha, qraba, hbieb, u kull min jafha dejjem gharrfuha u sejjhulha b'dan l-isem ;

Illi l-attrici trid li l-Att tat-Twelid taghha jigi kkoregut ai termini tal-Artikolu 253(2) u (3) tal-Kodici Civili fis-sens li minn flok l-isem **Carmela** kif jidher indikat fl-imsemmi Att jigi registrat l-isem **Marlene** u din il-korrezzjoni tigi riflessa fl-Atti l-ohra kollha tal-istat civili relattiv ghall-attrici u fil-Att tat-Twelid ta' bintha Whitney Marie .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-attrici hija maghrufa bl-isem ta' Marlene u mhux Carmela ;

2. Konsegwentement a tenur tad-dispozizzjonijiet imsemmija tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru tliet mija u sbatax tal-elf disa' mija u hamsa u sittin (317/1965) u dan billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-Tarbija, fil-kolonni ntestati **Ismijiet moghtijin** u **Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha,** isem l-attrici jigi registrat Marlene minflok kif kien gie registrat bhala Carmela ;

3. Tordna wkoll illi l-bdil effettwat fl-Att tat-Twelid tal-attrici jigi rifless f'kull Att iehor ta' l-Istat Civili relattiv ghall-attrici nkluz fl-Att taz-Zwieg li jgib in-numru mija u wiehed u hamsin tal-elf disa' mija u sebgha u tmenin (151/1987) ;

4. Tordna wkoll illi l-bdil effettwat fl-Att tat-Twelid u fl-Att taz-Zwieg tal-attrici jigi rifless fl-Att tat-Twelid ta' bintha Whitney Marie li jgib in-numru mitejn u sitta u tmenin tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (286/1994) .

Bl-ispejjez .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut debitament imharrek ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attrici minnha kkonfermata bil-gurament .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument 'A' certifikat tat-twelid ta' l-attrici li jgib in-numru tlett mija u sbatax tal-elf disa' mija hamsa u sittin (317/1965); bhala dokument 'B' estratt taz-zwieg ta' l-attrici li jgib in-numru mija u wiehed u hamsin tas-sena elf disa'mija sebgha u tmenin (151/1987); u bhala dokument 'C' certifikat tat-twelid ta' bint l-attrici li jgib in-numru mitejn sitta u tmenin tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (286/1994) .
Rat ukoll id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern . Innutat illi l-konvenut debitament notifikat b'din ic-citazzjoni baqa' kontumaci .

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' l-istess attrici .

Ikkunsidrat ;

Illi minkejja illi sew mic-certifikat tat-twelid ta' l-attrici, kif ukoll mill-Att taz-Zwieg taghha, u anke mill-Att tat-Twelid ta' bint l-istess attrici, jidher illi isem l-attrici dejjem gie registrat bhala Carmela, fil-fatt jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija llum stess mill-istess attrici illi hija minn dejjem sa mit-twelid taghha, giet imsejha bl-isem ta' Marlene u mhux Carmela, u hija maghrufa ma' kulhadd b'dana l-isem ta' Marlene, u hija, l-attrici, dejjem uzat ghaliha nnifisha fil-hajja taghha kemm fl-iskola, fuq ix-xoghol, u anke fil-familja, dana l-isem . U hija maghrufa b'dana l-isem mal-familja taghha, qraba u hbieb u kull min jafha dejjem hekk sejhulha u gharfuha b'dana l-isem ta' Marlene .

Il-Qorti ghal hekk, in vista ta' din id-dispozizzjoni, peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi din il-kawza, billi :

1. Tiddikjara li l-attrici hija maghrufa bl-isem ta' Marlene u mhux Carmela ;

2. Konsegwentement a tenur tad-dispozizzjonijiet imsemmija fil-ligi tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid numru tliet mija u sbatax tal-elf disa' mija u hamsa u sittin (317/1965) u dan billi fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-Tarbija, fil-kolonni ntestati **Ismijiet moghtijin** u **Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha,** isem l-attrici jigi registrat bhala Marlene minflok kif kien gie registrat bhala Carmela ;

3. Tordna wkoll illi l-bdil effettwat fl-Att tat-Twelid tal-attrici jigi rifless f'kull Att iehor ta' l-Istat Civili relattiv ghal l-istess attrici nkluz fl-Att taz-Zwieg li jgib in-numru mija u wiehed u hamsin tal-elf disa' mija u sebgha u tmenin (151/1987) ;

4. Tordna wkoll illi l-bdil effettwat fl-Att tat-Twelid u fl-Att taz-Zwieg tal-attrici jigi rifless fl-Att tat-Twelid ta' bintha Whitney Marie li jgib in-numru mitejn u sitta u tmenin tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (286/1994) .

Minhabba n-natura ta' din il-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S3102G1(Pc)
915